**1 ta' Awissu, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Bugelli et.

**Konfiska — Art. 23 u 24 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-konfiska tal-istrumenti li servew biex isir id-delitt hija konsegwenza "tal-piena", u l-applikazzjoni tal-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali ma timportax piena. Għaldaqstant, jekk l-imputat ġie, għalkemm misjub ħati, liberat taħt il-provvedimenti ta' dak l-artikolu, il-Qorti ma tistgħax tordna l-konfiska tal-oġġetti li servew biex sar id-delitt.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-23 ta' Mejju 1960, li biha l-imsemmi Joseph Bugelli ġie misjub ħati ta' serq kontinwat ta' biċċiet ta' ram tal-valur li ma jeċċedix £3 meta kien impjegat ma' Messrs. Bailey u a dannu tal-istess ditta, u ġie liberat taħt l-art. 23 (1) (a) tal-Kodiċi Kriminali; u li biha l-imsemmi Paul Pace ġie misjub ħati li xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħ jew imexxi kwantità ta' ram aħmar tal-valur ta' £10 li hu kien jaf li ġej minn serq, u ġie liberat taħt l-imsemmi art. 23 (1) (a): u b'liema sentenza ġiet ordnata l-konfiska tal-karrozza Nru. 5925 (dok. F.);

Rat ir-rikors tal-imputati, li bih appellaw minn dik is-sentenza, b'talba għar-riforma tagħha, billi jiġi revokat l-ordni tal-konfiska tal-karrozza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Ma hemmx mill-provi illi l-karrozza nru. 5925 tal-appellant Bugelli ġiet adoperata, bix-xjenza ta' dan, għall-kommissjoni tar-riċettazzjoni da parti tal-appellant l-ieħor;

Però, skond l-art. 24 tal-Kodiċi Kriminali, il-konfiska tal-istrumenti li servew biex isir id-delitt hija konsegwenza "tal-piena", u l-applikazzjoni tal-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali ma timportax piena, imma, kif juru l-kliem "The Court may...... declare the offender guilty, and instead of sentencing him to punishment......", hija dikjarazzjoni ta' imputabbilità b'sospensjoni kondizzjonata tal-piena, f'ċerti każi, u anki mingħajrha f'każi oħra ("Pulizija vs. Isabella Blanc", Vol. XXIX-IV-518; "Pulizija vs. Agius", Vol. XXXVII-IV-1082);

Għalhekk f'dan il-każ, darba li l-Ewwel Qorti lliberat lill-imputati fit-termini tal-imsemmi art. 23(1) (a), l-ordni tal-konfiska ma setgħax jingħata;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-imputati ġew misjuba ħatja u liberati kondizzjonatament, u billi tirrevoka l-ordni għall-konfiska tal-karrozza riferita.